MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2006

Numru 640/2006

**Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni**
**Spettur Sandro Zarb**
**V**
**KHALED MASOUD LOULAD**
**MAGID FARAH ABDELMAGID ABDULDAIM**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputati **KHALED MASOUD LOULAD** ta’ hamsa w erbghin sena ta’ nazzjonalita Algerina, bin Masoud u Khadija Loulad, imwieled El Kasaba nhar d-dsatax ta’ Lulju 1960 minghajr passaport numru maghruf u maghruf bin-numru ta’ registrazzjoni tal-pulizija 06P-001 u **MAGID FARAH ABDELMAGID ABDULDAIM** ta’ sitta w ghoxrin sena ta’ nazzjonalita Sudaniza bin Farah u Zeinab Paddalmoula, imwieled El Melh, Darfur, fis-sena 1979 minghajr passaport numru maghruf u maghruf bin-numru ta’ registrazzjoni tal-pulizija 06P-012 gew imressqa

quddiemha akkuzati talli fl-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 2006 u jew fil-jiem ta' qabel din d-data, f'Malta bi hsieb li jaghmlu xi qliegh li jkun, ghenu, assistew, taw parir jew habirku biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu jew jaghmlu tentattiv biex johorgu minn Malta bi ksur tal-ligijiet ta' Malta jew li sew f'Malta sew barra minn Malta, ikkonguraw f'dak s-sens ma xi persuni ohra meta l-ghadd ta' persuni mghejuna, assistiti, moghtija parir, li jkun sar thabrik dwarhom, jew il-mira tal-kongura kien ta' aktar minn tlieta.

Talli nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 2006 f'Malta, assocjaw ruhhom flimkien u jew ma xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f'Malta li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tordna l-konfiska tad-dghajsa tal-fibreglass u l-mutur tal-ghamla Yamaha Enduro 40hp bin-numru 1013975 li serviet jew li kienet mahsuba li sservi sabiex isir dan d-delitt liema dghajsa u mutur qed jigu esibiti f'dawn il-proceduri.

Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti nkluz l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nar l-erbatax ta' Awissu, 2006 [fol 55] sabiex fin-nuqqas t'oggezzjoni da parti tal-imputati din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta.

Semghet lil imputati jiddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz minn din il-Qorti kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tat-tmintax ta' Settembru 2006 [fol 62].

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni u lil imputati jixhdu minn jeddhom b'mod voluntarju.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tas-sittax ta' Ottubru 2006.
Ikkunsidrat:

Illi nhar l-ghaxra ta’ Lulju 2006 **xehed l-Ispettur Sandro Zarb** [fol 14] fejn qal li fl-erbgha w ghoxrin ta’ Gunju 2006 ghal habta tas-sitta ta’ filghodu, kien gie nfurmat li vicin Dellimara kienet dahlet dghajsa zghira bi hmistax l-immigrant illegali fuqha u li kienu ttiehdu l-Kwartieri Generali tal-Pulizija ghal identifikazzjoni taghhom, kif s-soltu jsir. Gie nfurmat wkoll li d-dghajsa in kwistjoni kienet ittiehdet fil-basi marittima tal-iskwadra tal-Forzi Armati. Qal li fost dawn l-hmistax l-immigrant illegali, kien hemm iz-zewg imputati odjerni li gew identifikati bhala Masoud Loulad bin-numru 06P1 u Magib Farah Abdel Magib Laid li hu Sudaniz, bin-numru 06PO12.

Minn aktar stharrig rrizulta li dawn iz-zewg minn nies kellhom il-kontroll tad-dghajsa li waslet Malta. Kompla jghid li nhar s-sitta w ghoxrin ta’ Gunju 2006, dawn irrilaxxjaw stqarrija fil-presenza ta’ PC 354 Emanuel Said li ghamilha ta’ interpretu mill-lingwa Gharbija ghal dik Maltija, u l-imputati kkonfermaw l-involviment taghhom fl-immaniggjar ta’ din d-dghajsa. Ix-xhud esibixxa dawn l-istqarrijiet li gew immarkati bhala dokumenti PS u PS 1 rispettivament a fol 16 et seq tal-atti. Ix-xhud esibixxa wkoll tlett ritratti tad-dghajsa in kwistjoni kif wkoll tal-mutur tal-ghamla Yamaha li kien hemm fuq d-dghajsa liema ritratti gew mmarkati bhala dokumenti PS 2, PS 3 u PS 4 rispettivament.

Illi nhar l-ghaxra ta’ Lulju 2006 **xehed PC 354 Emanuel Said** [fol 25] fejn wara li ra l-istqarrijiet esibiti a fol 16 et seq tal-atti, ikkonferma li dawn gew rilaxxjati miz-zewg imputati odjerni wara li nghataw s-solita twissija. Ikkonferma l-firma tieghu, dik tal-Ispettur Sandro Zarb kif wkoll l-firma tal-istess zewg imputati fuq kull faccata taghhom. Zied jghid li hu f’dan il-kaz ghamilha ta’ interpretu mill-lingwa Gharbija ghal dik Maltija. Fuq domanda tal-Qorti jekk ghandux kwalifika tal-lingwa Gharbija, x-xhud wiegeb li ghandu diploma mahruga mill-Universita ta’ Malta u li waqt l-investigazzjoni mill-punto di vista ta’ lingwa, ma kien hemm ebda problema. Qal li hu membru fil-korp tal-pulizija.
Mistoqsi mill-avukat difensur fil-konfront tal-imputat Khaled Masoud Loulad ghaliex certa parti mill-istqarrija

tieghu hija bil-lingwa Ingliza u parti ohra fil-lingwa Maltija, x-xhud wiegeb li hu kien ghamel traduzzjoni ghal lingwa Gharbija kien hemm partijiet meta tkellem wkoll fil-lingwa Ingliza w ghalhekk ma kienx hemm lok ta' traduzzjoni ghal lingwa Maltija. Qal li pero l-istqarrija giet miktuba mill-Ispettur Sandro Zarb.

Illi nhar l-ghaxra ta' Lulju 2006 **xehed PC 645 Attard** [fol 27] fejn qal li nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 2006, ghal habta tas-sitta ta' filghodu kien gie nfurmat li kienet dahlet dghajsa b'numru mhux maghruf t'immigranti llegali f'Delimara w ghalhekk mar fuq il-post indikati lilu fejn sab hmistax l-immigrant illegali madwar l-istess dghajsa. Meta gie muri r-ritratti dokumenti PS 2 sa PS 4, ix-xhud ikkkonferma li kienu ritratti tal-istess dghajsa li sab hu dakinhar f'Delimara. Esbixxa kopja tal-okkorrenza relattiva li giet mmarkata bhala dokument PS 6 [fol 29]. Qal li sussegwentement din d-dghajsa giet irmunkata minn membri tal-Forzi Armati ta' Malta. Mistoqsi jekk kienx jaghraf lil imputati odjerni x-xhud wiegeb fl-affermattiv u zied jispjega li l-imputat Khaled Masoud Loulad kien qed jiehu hsieb d-dghajsa u cioe l-mutur fuqha u kien ta' ghajnuna ghal pulizija kif jistartja l-mutur tal-istess dghajsa.

Illi nhar l-erbatax ta' Lulju 2006 **xehed Mohammed Ali Abdalla** [fol 32] fejn qal li hu kien gie Malta fuq d-dghajsa mill-Libja. Qal li maghhom kien hemm erbatax il-persuna, whud mis-Sudan u ohrajn mic-Chad. <u>Qal li l-persuna li kienet qed issuq d-dghajsa kien l-imputat Khaled Masoud Loulad filwaqt li l-imputat l-iehor kien biss passiggier fuq d-dghajsa bhalhom</u>. Spjega li damu jumejn u gurnata fil-bahar u t-tielet jum waslu Malta. Qal li l-ewwel jum saq l-imputat Khaled Masoud Loulad u l-ghada filghaxija kien ghajjien u ma setghax ikompli aktar u l-bahar kien imqalleb u l-imputat l-iehor qam u kompla jsuq hu. <u>Mistoqsi kif hu kien ghamel arrangamenti biex jasal Malta ix-xhud qal li kien ghadda xi flus lil persuna ta' nazzjonalita Libjana pero ma kienx jaf min kienet. Qal pero li ma kienx wiehed mill-imputati odjerni</u>. Qal li meta rikeb d-dghajsa sab lil imputat Khaled Masoud Loulad diga bl-isteering tad-dghajsa f'idejh. Qal li lil Khaled

Masoud Loulad hu kien jafu ghaliex mis-Sudan bhalu u kienu telqu flimkien mis-Sudan ghal Libja. Qal li huwa wkoll kien hallas ghal dak il-vjagg bhalu. Qal li kien minnu li qabel dan il-vjagg iz-zewg imputati ma kienux jafu lil xulxin.

Qal li hadd minnhom ma kien jaf isuq d-dghajsa pero l-imputat Magid Farah Abdelmagid Abduldaim qabad u mar fuq t-tmun tad-dghajsa meta kienu bejn sema w ilma. Ix-xhud ikkonferma li r-ritratti esibiti huma tad-dghajsa li kienu rekbin fuqha meta dahlu Malta. Qal li l-mutur taghha kien 20 horse power u hu l-istess mutur muri fir-ritratti esibiti. Qal li meta bdew il-vjagg taghhom lejn Malta, l-bahar kien kalm pero matul l-jum qisu qam ftit. Ix-xhud zied jghid li kien pero l-imputat Magid Farah Abdelmagid Abduldaim biss li ghen lil imputat Khaled Masoud Loulad u huma baqghu bil-qeghda tul t-tlett ijiem tal-vjagg.

Qal li l-Algerin akkuzat l-Qorti kien jaf lill-Libjan li kien ta l-flus ghaliex rahom jitkellmu. Fil-fatt kien l-Libjan stess li kien gab lil Algerin fuq d-dghajsa biex isuqha lejn Malta. Qal li l-imputat Magid Farah Abdelmagid Abduldaim ma kellux x'jaqsam ma dan il-vjagg u li hu kien telaq mis-Sudan ghaliex kien hemm il-gwerra w ghalhekk mar l-Libja fejn dam sena u wara mar l-Ewropa sabiex isib hajja ahjar.

Illi nhar l-erbatax ta' Lulju 2006 **xehed PC 186 Christian Mintoff** [fol 39] fejn ikkonferma li r-ritratti esibiti fl-atti tad-dghajsa u tal-mutur tad-dghajsa gew mehuda minnu.

Illi nhar l-erbatax ta' Lulju 2006 **xehed Hasan Fadal Ahmed** [fol 41] fejn qal li hu kien telaq mill-Libja xi jiem qabel wara nofs il-lejl. Qal li kienu hmistax bis-sewwieq b'kollox. Qal li s-sewwieq kien l-imputat Khaled Masoud Loulad. Qal li kien hemm nies ohra li mhux mis-Sudan fuq d-dghajsa u li mis-Sudan kien hemm tlieta biss. Qal li lil imputat Magid Farah Abdelmagid Abduldaim jafu ghaliex mis-Sudan u mien telaq mieghu mis-Sudan. Qal li damu tlett ijiem ibahhru lejn Malta u kien isuq d-dghajsa l-imputat Khaled Masoud Loulad. Qal li xi hames sighat

qabel waslu Malta, l-imputat Khaled Masoud Loulad qal li kien ghejja u kompla jsuq l-imputat Magid Farah Abdelmagid Abduldaim. Qal li hu kien hallas bix jigi fuq dan t-tragitt, pero ma kienx jaf lil min. Qal li ma kienx hallas lil xi wiehed mill-imputati odjerni.

Mistoqsi jekk kienx ra lil min hallas jitkellem ma xi wiehed mill-imputati odjerni, x-xhud wiegeb li rah jitkellem mal-imputat Khaled Masoud Loulad. Qal li hu telaq mis-Sudan minhabba l-gwerra u li ma kienx dehrlu li kellu jibqa l-Libja w iddecieda li jmur lejn l-Ewropa biex ifittex hajja ahjar.

Qal li sid d-dghajsa in kwistjoni fil-fatt kien qalilhom li kienu sejrin l-Italja. Qal li kien jaf li l-imputat Magid Farah Abdelmagid Abduldaim ried imur l-Italja maghhom u dak kien l-iskop tieghu. Zied jghid li kien ilhom sena l-Libja qabel ma gew Malta. Qal li ma kienx jaf ta' min kienet d-dghajsa li gew Malta biha. Mistoqsi jekk kienetx ta' xi persuna li kienet riekba fuqha, x-xhud wiegeb li dan l-Libjan kull ma qal lil Khaled Masoud Loulad kien biex jibqa sejjer dritt 'l fuq. Qal li hu ma kienx jaf x'kien qed jaghmel l-imputat Khaled Masoud Loulad fuq dik d-dghajsa u ma kienx jaf kienx involut fit-tragitt. Qal li meta rikeb fuq d-dghajsa, qablu kien hemm sebgha persuni u l-imputat Khaled Masoud Loulad kien gia fuq d-dghajsa isuq il-mutur. Meta waslu Malta ma kienx jaf li effettivament waslu hawn. Qal li huma kienu spiccaw bla fuel u l-verita kienet li l-ewwel art li sabu dahlu fiha.

Illi nhar s-sbatax ta' Lulju 2006 **xehed Ahmed Ali Ahmed** [fol 45] fejn qal li hu wasal Malta mill-Libja, nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 2006 ma hmistax il-persuna fuq dghajsa. Meta gie muri r-ritratti esibiti fl-atti, x-xhud ikkonferma li dawk r-ritratti kienu tad-dghajsa li gew Malta fuqha. Ikkonferma li kien qed isuq d-dghajsa l-imputat Khaled Masoud Loulad u dam isuqha jumejn. Qal li dan wara ghejja u beda jsuqha l-imputat Magid Farah Abdelmagid Abduldaim peress li kien f'nofs ta' bahar. Qal li lil l-imputat Magid Farah Abdelmagid Abduldaim hu ma kienx jafu pero kien jaf li telqu mill-Libja flimkien. Qal li lill-imputat Khaled Masoud Loulad sar jafu meta rikeb fuq d-dghajsa u ma kienx hallas lilu ghal vjagg, kien hallas

Libjan iehor. Qal li liz-zewg imputati ma kien tahom ebda flejjes. Qal li kien jaf lil persuna li kien hallas ghal tali vjagg. Qal li meta wasal bil-karozza ghal dan l-vjagg, sab d-dghajsa tistennih u kien hemm l-imputat Khaled Masoud Loulad. Qal li kull ma qalet din il-persuna lil imputat Khaled Masoud Loulad kien biex isuqhom lejn l-Italja. Qal li huma mis-Sudan u li xtaq imur l-Ewropa ghaliex pajjizu hemm il-faqar w il-problemi.

Mistoqsi kif spicca Malta x-xhud wiegeb li peress li l-bahar kien imqalleb, spiccalhom id-diesel u l-ikel u l-ewwel art li sabu dahlu fiha ghal ghajnuna. Mistoqsi jekk hu kien jghix mal-pseruni l-ohra li xehdu f'dawn il-proceduri, x-xhud wiegeb li fil-present ma jghixux flimkien, kienu qabel ma gew arrestati. Qal li kienu vicin Malta meta l-imputat Magid Farah Abdelmagid Abduldaim beda jsuq d-dghajsa. Mistoqsi jekk meta waslu l-Libja, l-imputat Magid Farah Abdelmagid Abduldaim, kienx maghhom fil-vettura, x-xhud wiegeb fl-affermattiv.

Illi nhar l-erbatax ta' Lulju 2006 **xehed Abdalla Hussein Adal** [fol 48] fejn qal li hu wasal Malta fl-erbgha w ghoxrin ta'Gunju 2006 flimkien ma hmistax il-persuna ohra. qal li l-Algerin kien il-kaptan tad-dghajsa. Qal li kienu telqu mill-Libja. Meta gie muri r-ritratti esibiti ix-xhud ikkonferma li d-dghajsa hemm murija kienet l-istess wahda li gew biha Malta. Qal li din kienet qed tinsaq minn Algerin u cioe l-imputat Khaled Masoud Loulad. Qal li wara li telqu mill-Libja, cioe l-imputat Khaled Masoud Loulad kien ghejja isuq u qam l-imputat Magid Farah Abdelmagid Abduldaim u beda jsuq hu. Qal li kellhom ftehim li jmorru l-Italja, pero f'nofs ta' bahar semghu li kienu ser imutu w ghalhekk l-ewwel art li raw nizlu fuqha. Qal li hallas lil wiehed Libjan s-somma ta' elf dollaru. Qal li liz-zewg imputati ma kien hallashom xejn. Qal li kien dan l-Libjan li kien wassalhom bil-karozza sa fuq il-post fejn sab lil ohrajn. Qal li meta waslu vicin Malta, raw vapur b'bandiera Taljana u meta nizlu Malta saru jafu fejn qeghdin. Qal li telaq minn pajjizu minhabba problemi. Qal li hu kien jahdem go farm.

Mistoqsi kemm kienu boghod minn Malta meta l-imputat Magid Farah Abdelmagid Abduldaim ha t-tmun minflok l-

imputat Khaled Masoud Loulad, ix-xhud qal li kien filghodu u kienu gia raw l-art li hasbu li kienet l-Italja. Mistosqi jekk kienx veru li meta beda isuq l-imputat Magid Farah Abdelmagid Abduldaim, il-bahar kienx imqalleb, ix-xhud wiegeb fl-affermattiv u zied jghid li kienu mbezzgha. Qal li ikel w ilma ftit kien fadal. Mistoqsi jekk kienx jaf lis-Sudaniz u cioe lil l-imputat Magid Farah Abdelmagid Abduldaim ix-xhud qal li sar jafu fuq d-dghajsa. Mistoqsi jekk kienx hemm kuntatt bejn l-imputat Magid Farah Abdelmagid Abduldaim u l-imputat Khaled Masoud Loulad, ix-xhud qal li kienu jitkellmu ghaliex kien ilhom jumejn fuq il-bahar u kulhadd kien ikellem lil xulxin. Qal li l-imputat Magid Farah Abdelmagid Abduldaim kien bil-qeghda f'nofs d-dghajsa u kienu mbezzgha ghaliex dan ma tantx kien jaf isuqha ghalkemm ghamel tentattiv biex isuqha u fil-fatt meta spicca t-tank tad-diesel kollha bdew jghinu sabiex jimlewh.

Illi nhar s-sitta ta' Ottubru 2006 **xehed l-imputat Magid Farah Abdelmagid Abdulaim** [fol 64] fejn qal li hu wasal Malta nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Gunju 2006 flimkien ma nies ohra u kienu gejjin mill-Libja. Qal li hu originarjament mis-Sudan u dejjem ghex hemm. Qal li wara li telaq mis-Sudan, mar jghix l-Libja fis-sena 2005 u dam hemm jghix sena. Spjega li telaq mis-Sudan peress li missieru miet fil-gwerra u hu ghandu sebgha hutu ohra u hu l-kbir minnhom. Qal li mar l-Libja biex jaqla l-flus u jibghathom lil hutu w ghalkemm irnexxielu jaghmel ftit tal-flus, ma baghathomx s-Sudan u nefaqhom biex jipprova jmur l-Ewropa. Qal li dan il-flejjes u cioe elf u tlett mitt dollaru, hu hallashom lil wiehed ta' nazzjonalita Libjana fid-dar fejn kienu maghluqa u hallashom ghaliex kieku ma kienux irikbuhom fil-karozza. Qal li kienu tmintax il-persuna li ftehmu ma dan l-Libjan biex johodhom lejn l-Ewropa w ghalhekk kulhadd hallas sehmu. Qal li suppost kellhom irorru l-Italja bil-bahar. Spjega li waslu sa hdejn il-bahar permezz ta' zewg karozzi w hemmhekk sabu lil dan l-istess Libjan li kienu tawh il-flus u wkoll lil wiehed ta' nazzjonalita Algerina li hu wiehed mill-akkuzati presenti fl-awla, li qabel qatt ma kien jafu. Kompla jghid li l-Libjan qallu biex jirkeb fuq d-dghajsa li kien hemm tistenna u li fi

zmien jumejn jew tlieta kellhom jaslu l-Italja. Qallu wkoll li l-Algerin kien ser isuqhom s'hemmhekk.

Qal li fit-tielet jum li kienu fuq il-bahar, l-Algerin l-ko-akkuzat, ghejja u staqsih biex ikompli jsuq d-dghajsa u hekk ghamel, beda jsuqha hu. Qal li l-bahar kien imqalleb hafna u raw xi dawl ta' xi art u ajruplani nezlin l-art. Spjega li ghadda wkoll vapor minn hdejhom b'bandiera bajda u hamra u l-Algerin qallu li kien qed jahseb li waslu t-Tunezija. Qal li hu qallu li kien importanti li jidhlu l-art peress li l-bahar kien imqalleb hafna. Kien filghodu kmieni meta waslu, kien qed jisbah.

Mistoqsi jekk l-persuni li kienu abbord ghamlux xi haga , ix-xhud spjega li whud minnhom bdew jghinu sabiex jimlew t-tank tal-petrol ghaliex kien spicca. Qal li hu ma ha xejn f'dan il-vjagg u li b'kumbinazzjoni li dahal f'din l-istorja ghaliex kien bil-qeghda hdejn l-Algerin u qallu li ma setghax jara aktar u talbu jkompli jsuq d-dghajsa hu. Qal li hu qatt ma kien saq dghajsa qabel pero qabad t-tmun u beda jsuq peress li l-Algerin kien qallu biex jghamel hekk.

In kontr'ezami x-xhud ikkonferma li kien irrilaxxja stqarrija. Qal li meta rrilaxxja l-imsemmija stqarrija hu kien ghejjien w ghalhekk ma kienx jaf ezattament x'kien qal dakinhar. Qal li meta telqu mill-Libja, huma hasbu li kienu sejrin lejn l-Italja pero meta waslu Malta kienu kuntenti ghaliex waslu f'pajjiz fl-Ewropa.

Illi nhar s-sitta ta' Ottubru 2006 **xehed l-imputat Khaled Masoul Laolad** [fol 67] fejn qal li l-Libja hu kien jahdem ta' bajjad u ghamel wkoll xi zmien bhala skarpan hemm fejn kien ilu tnax il-sena pero hu ta' nazzjonalita Algerina. Qal li ma kienetx l-ewwel darba li pprova jahrab lejn l-Ewropa u li xtaq jispicca l-Kanada, mhux imur l-Italja. Qal li qatt ma xtaq li jigi Malta. Spjega li meta kien Tripli, qalulu li ma setghax imur l-Ewropa minn hemm ghaliex kien hemm aktar sigurta minn bliet ohra fil-Libja.

Qal li kienu qalulu b'post partikolari fil-Libja fejn kellu jiltaqa ma persuna f'hanut li kellu jghinu jmur lejn l-Ewropa. Spjega li effettivament mar f'dan il-hanut w iltaqa

ma dan l-Libjan li staqsih jekk kienx irid imur l-Italja u hu rrispondih fl-affermattiv. Qal li dan kellu jwasslu ghand persuna ohra li tiehu hsieb dawn l-affarijiet u wara haduh f'kamra fejn il-bahar u sakkruh hemm u qaghdu jikkustinjaw barra l-kamra dwar l-faatt li setgha kien hemm xi pulizija. Qal li ghal habta ta' nofs il-lejl, mar l-Libjan u hu tah elf u hames mitt dollaru.

Zied jghid li ma kellu ebda ftehim ma dan il-Libjan li hu kellu isuq d-dghajsa, w ghalhekk hallsu u l-ghada filghodu kellu jitlaq bhala passiggier lejn l-Italja. Zied jghid li l-ghada filghodu l-istess Libjan mar jigbru, hadu hdejn il-bahar u qallu li kellu jsuq peress li ma kellhomx min isuqu.

Spjega li hu qatt ma kien saq qabel u li ma kienx jaf isuq. Kompla jghid li huma u sejrin lejn il-bahar, dan l-Libjan ghadda minn post minn fejn waqaf u gabilhom xi xorb w ikel u qallu li kien ser jiehdu fuq dghajsa u jghallmu isuqha u kif ghandu juza l-boxxla biex ikun jaf f'liema direzzjoni kien ikun sejjer. Qal li mieghu u mal-Libjan fil-karozza dakinhar kienu huma u xi nies ohra passiggieri.

Spjega li kif waslu fejn d-dghajsa zghira filghodu kmieni, l-Libjan urih kif isuqha u telqu biha u damu jumejn fuq il-bahar u kien qed isuq hu. Mistoqsi jekk ghamilx xi gwadan minn dan l-vjagg, x-xhud wiegeb fin-negattiv. Qal li l-pulizija kienu ghamlu tfittxija fuq il-persuna tieghu u ma sabu xejn, ebda flus. Qal li kien ilu jipprova jahrab mill-Libja mis-sena 2000 w ipprova erbgha darbiet. Qal li ried jitlaq mill-Libja ghal diversi ragunijiet, u cioe biex ikun aktar liberu, biex jistudja aktar u jistabbilixxi ruhu u minhabba l-fatt li l-Libja ma hemmx demokrazija. Qal li hajtu fl-Algerija kienet distrutta u kieku baqa hemm kienu joqtluh minhabba t-terrorizmu li hemm. Qal li dam jghix l-Algeria ghal erbgha w tletin sena u telaq minn hemm fis-sena 1994. Qal li bniedem ma jistax jghix bla xoghol w ghalhekk xtaq li jsib xoghol fl-Ewropa.

Ikkunsidrat:

Illi principalment l-imputati huma akkuzati talli fl-ewwel lok bil-hsieb li jghamlu xi qliegh li jkun, ghenu, assistew, taw

parir jew habirku sabiex idahhlu Malta maghhom numru ta’ persuni ohra u dan b’mod klandestin u cioe bi ksur tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi ma jidhirx li per se l-fatti huma kontestati fis-sens li l-imputat Khaled Masoud Loulad saq d-dghajsa mill-Libja b’numru ta’ persuni fuqha ghal jumejn shah u l-ko-akkuzat Magid Farah Abdelmagid Abduldaim ha t-tmun f’idejh ghal ahhar sighat meta l-imputat Khaled Masoud Loulad kien ezawrit.

Illi l-prosekuzzjoni qed tghid li dan sar b’assocjazzjoni ma persuni ta’ nazzjonalita Libjana sabiex isir delitt hawn Malta. Il-prosekuzzjoni hija tal-fehma li bil-kelma ‘qligh’ il-legislatur ried ifisser kwalunkwe gwadan mhux biss dak monetarju.

Id-difiza minn naha l-ohra filwaqt li taqbel mal-fatt, tghid li l-imputat Khaled Masoud Loulad saq id-dghajsa fuq ordni moghtija lilu minn persuna ta’ nazzjonalita Libjana, u li l-imputat Magid Farah Abdelmagid Abduldaim saq d-dghajsa per necessita w mhux bl-intenzjoni li jaghmel qliegh jew b’assocjazzjoni ma terza persona biex jikkommetti xi delitt.

Illi jirrizulta bic-car li l-partecipazzjoni taz-zewg imputati ma kienetx l-istess u dan kif ser jigi spjegat aktar ‘l quddiem.

L-imputat Khaled Masoud Loulad kien jaf li ser ikun hu li jharrab nies mill-Libja bl-isperanza li jkollhom hajja ahjar fl-Ewropa. Tant hu hekk li l-persuna ta’ nazzjonalita Libjana li qabditu jsuq, gabet wkoll boxxla u spjegatlu kif ghandu juzaha. L-imputat Khaled Masoud Loulad ghalhekk dahal responsabbli wara li assocja ruhu ma dak l-Libjan ghat-trasport tan-nies li kien ikollu fuq d-dghajsa u li eventwalment wassal Malta.

Ma hemmx dubbju li ghalkemm flus seta’ ma qalax ta’ dan t-tragitt, xorta ghamel qliegh minn dan il-vjagg ghaliex kien ser jottjeni hajja ahjar fl-Ewropa.

Illi ghalhekk l-imputat Khaled Masoud Loulad ghandu jinsab hati kemm tal-akkuza ta' traffikar ta' persuni li dahhlu Malta kontra l-ligi, kif wkoll t'assocjazzjoni ma persuna barra minn Malta bil-ghan li jaghmel delitt.

Illi ghalhekk, il-Qorti qed issib lil imputat Khaled Masoud Loulad hati taz-zewg reati addebitati lilu b'dan pero li r-reat taht l-artikolu 48A tal-Kap 9, ghandu jitqies assorbit fir-reat ikkonsmat taht l-artikolu 337A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta [vide **Il-Pulizija v Omissis Ferhat Guellouma** ***deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Lulju 2005***]

L-imputat Magid Farah Abdelmagid Abduldaim ghen fit-trasport tal-garr tan-nies per necessita u dan ghaliex s-sewwieq tad-dghajsa, il-ko akkuzat Khaled Masoud Loulad, ghejja u kien ser jhossu hazin wara li kien saq ghal tmienja w erbghin siegha. Minn imkien ma jirrizulta li kien hu li kellu l-intenzjoni li jgorr dawn in-nies izda hu kellu biss l-intenzjoni li jkun passiggier fuq dghajsa lejn l-Ewropa misjuqa minn terzi. Li spicca saq hu ghall-ahhar sighat hija biss ko-incidenza kif del resto jirrizulta mix-xhieda kollha li giet mismugha w ghalhekk il-Qorti mhux qed issibu hati ta' din l-akkuza.

**Il-Qorti** ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 48A,(1)(3), 337(A), 31, 20, 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li qed issib lil imputat KHALED MASOUD LOULAD hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu u tiddecidi li tikkundannah ghal piena karcerarja ta' tmintax [18] il-xahar filwaqt li tiddikjara li ma ssibx lil imputat MAGID FARAH ABDELMAGID ABDULDAIM hati tal-akkuzi kif migjuba kontra tieghu u tilliberah minnhom.**

**Dwar t-talba tal-prosekuzzjoni sabiex tordna l-konfiska tad-dghajsa li biha gew Malta l-imputati, il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 23(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna l-konfiska tad-dghajsa bil-mutur li saq l-imputat Khaled Masoud Loulad favur il-Gvern ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------